MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2014

Citazzjoni Numru. 413/2014

**Bugeja Developments Limited (C54691)**

**-VS-**

**Issa Isslam Tawfik (ID No: 0020380A)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta’ rikorrenti Bugeja Developments Limited (C54691), tal-14 ta’ Mejju, 2014 li jaqra hekk:

1. *Illi l-intimat iregistra Privilegg Specjali Numru 6053/2014 (kopja hawn annessa bhala Dok. 'A') kontra s-socjeta' rikorrenti ghas-somma ta' disat elef u seba' mitt Ewro (EUR 9,700) [eskluz VAT] rapprezentanti (allegatament) il-prezz ta' xogholijiet maghmula mill-intimat fil-proprjeta' tas-socjeta' rikorrenti u cioe' blokk bini bla isem u bla numru fi Triq Qormi, Santa Venera, liema xogholijiet (dejjem allegatament) tlestew fil-25 ta' Frar, 2014.*

2. *Illi s-socjeta’ rikorrenti qatt ma tat ebda kuntratt t'appalt lill-intimat, qatt ma nkarigatu jaghmel ebda xoghol u l-intimat qatt ma ezegwixxa ebda xogholijiet fuq*

*struzzjonijiet ta' jew ghall-beneficcju tas-socjeta rikorrenti li la ghandha u lanqas qatt ma kellha ebda relazzjoni kuntrattwali u/jew guridika mal-intimat"*

3. *Illi ghalhekk l-iskrizzjoni u r-registrazzjoni tal-Privilegg Specjali Numru 6053/2014 da parti tal-intimat kontra s-socjeta' rikorrenti saret illegalment u abbuzivament.*

4. *Illi s-socjeta' rikorrenti tiddikjara li qed tirrizerva d-dritt li tistitwixxi proceduri gudizzjarji ulterjuri kontra l-intimat ghal kwalsijasi danni li tista' ssofri b'rizultat tar-registrazzjoni abbuziva tal-Privilegg Specjali Numru 6053/2014 da parti tal-istess intimat.*

*Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti –*

*(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-iskrizzjoni u r-registrazzjoni tal-Privilegg Specjali Numru 6053/2014 da parti tal-intimat kontra s-socjeta rikorrenti Bugeja Deve1opments Limited (C54691) saret illegalment u abbuzivament;*

*(ii) konsegwentement tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex, fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti, ihassar u jikkancella ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi l-fuq imsemmi Privilegg Specjali Numru 6053/2014;*

*(iii)tinnomina kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-intimat fl-eventwali kontumacja tieghu u okkorrendo nutar pubbliku sabiex, fl-eventwalita' illi l-intimat jonqos milli jottempora ruhu mal-ordni li tigi lilu moghtija minn din l-Onorabbli Qorti in segwitu ghat-tieni talba entro t-terminu li jigi lilu hekk prefiss, jaghmlu dak kollu mehtieg u necessarju ghat-thassir u l-kancellament tal-fuq imsemmi Privilegg Specjali Numru 6053/2014 u dan a spejjez tal-intimat.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni u b'riserva ta' kull azzjoni ohra, inkluz azzjoni ghad-danni, spettanti lis-socjeta' rikorrenti kontra l-istess intimat."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti fir-rikors promotur;

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat illi l-intimat baqa’ kontumaci;

Rat id-digriet tagħha tal-Erbgha 2 ta’ Lulju 2014, li bih akkordat lill- intimat terminu ta’ gimgha zmien sabiex iressaq s-sottomissjonijiet, ai termini tal-Artikolu 158(10) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta;

Rat illi l-intimat ma ressaq ebda sottomissjoni;

Rat illi ghalhekk ma jezisti ebda ostakolo sabiex il-Qorti tghaddi ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkonsidrat:**

Illi ghaldaqstant, fil-kontumacja tal-intimat, u fid-dawl tal-inadempjenza tieghu ghall-fakolta moghtija minn din il-Qorti li jipprezenta sottomissjonijiet bil-miktub, din il-Qorti ma tarax li ghandha alternattiva ghajr illi taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti:

(i) prevja kwalsijasi dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara illi l-iskrizzjoni u r-registrazzjoni tal-Privilegg Specjali Numru 6053/2014 da parti tal-intimat kontra s-socjeta rikorrenti Bugeja Deve1opments Limited (C54691) saret illegalment u abbuzivament;

(ii) konsegwentement tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex, fi zmien gimghatejn , ihassar u jikkancella ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi l-fuq imsemmi Privilegg Specjali Numru 6053/2014;

(iii)tinnomina lil Dr. Porsella Flores sabiex jirrapprezenta lill-intimat fl-eventwali kontumacja tieghu u tinnomina lin-Nutar Pubbliku Dr. Pierre Attard sabiex, fl-eventwalita' illi l-intimat jonqos milli jottempora ruhu mal-ordni hawn moghtija, in segwitu ghat-tieni talba entro t-terminu fuq indikat, jaghmlu dak kollu mehtieg u necessarju ghat-thassir u l-kancellament tal-fuq imsemmi Privilegg Specjali Numru 6053/2014 u dan a spejjez tal-intimat.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lil Dr. Porsella Flores u lin-Nutar Pubbliku Dr. Pierre Attard.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------